VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,881, 24 ta' Ġunju, 2022
Taqsima B

A.L. 193 tal-2022

ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU
(KAP. 371)
Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(1) u artikolu 28A tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju, il-Ministru responsabbli ghas-servizzi finanzjarji, li jagixxi fuq il-parir tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw r-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depozitant u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant, hawn iżjed 'il quddiem msejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 371.09.

Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (3) tar-regolament 23 regolamenti prinċipali il-kliem "Sa mhux aktar tard mit-3 ta' Lulju 2024, is-sehem totali tal-impenji ta' pagament m'għandux jeċċedi 30% tal-ammont totali tal-mezzi finanzjarji disponibbli miġbura kif hawn f'dan ir-regolament.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem, "Is-sehem totali tal-impenji ta' pagament ma għandux jeċċedi 30% tal-ammont totali tal-mezzi finanzjarji disponibbli miġbura skont dan ir-regolament:".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (8) tar-regolament 25 tar-regolamenti principali il-kliem, "Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 23(3), l-Iskema tista' tipprovdi li porzjon minn Kontribuzzjoni għall-Kumpens jiġi provdut lill-Iskema permezz ta' impenn ta' pagament:

Iżda b'referenza għas-sena finanzjarja murija fl-ewwel kolonna, il-porzjon totali tal-impenn ta' pagament ma għandux jeċċedi l-perċentwali murija fit-tieni kolonna:

Sena finanzjarja	Impenji ta' Pagament (l-ogħla)
2016	74.50%
2017	69.00%
2018	63.50%
2019	58.00%
2020	52.50%
2021	47.00%
2022	41.50%
2023	36.00%

VERŻJONI ELETTRONIKA

2024 30.00%"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem, "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 23(3), l-Iskema tista' tipprovdi li porzjon minn Kontribuzzjoni għall-Kumpens jiġi provdut lill-Iskema permezz ta' impenn ta' pagament.".